**20 ta' Novembru, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Paul Portelli

**Rikors ta' Appell – Isem tal-Qorti li Fih jiġi Ppreżentat – Nullità**

*F'dan il-każ rikors ta' appell li ġie intestat "Fil-Qorti Kriminali ta' Għawdex" ġie ddikjarat irritu u null.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 ta' Marzu, 1989, fl-ismijiet Il-Pulizija (Supt. Salvu Galea) kontra Nazzareno Paul Portelli fuq l-akkuża miġjuba kontra l-akkużat talli fit-3 ta' Mejju, 1988 għall-ħbata tat-8.00 a.m. fin-Nadur, Għawdex ġarr munizzjoni mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, li biha sabet lill-akkużat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu, wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Kap. 66, ħmistax-il lira Maltija (Lm15) multa, kif ukoll ordnat il-konfiska tal-munizzjoni in kwitjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant;

*Omissis;*

Ittrattat ir-rikors ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 1989, għall-Avukat Ġenerali kienet mogħtija l-eċċezzjoni illi r-rikors ta' l-appell huwa

null, stante li ġie intavolat fil-Qorti t'Għawdex u l-kawża kienet differita għad-deċiżjoni bil-fakoltà li d-difesnur ta' l-appellant, jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet jew riljevi, bil-visto ta' Dr. Barbara li kien mogħti wkoll il-fakoltà, li jirrispondi;

Rat in-nota ta' l-appellant, nota ta' sottomissjonijiet kif mogħti l-fakoltà mill-Qorti, dwar il-punt in kwistjoni, kif ukoll rat, is-sentenza tagħha stess, is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-3 ta' April, 1989, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Law. Cutajar) kontra Joseph Bonnici, kif ukoll ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-20 ta' Ottubru, 1989;

Ikkunsidrat, illi l-intestatura ta' l-appell, fid-deċiżjoni li għaliha saret riferenza, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, tas-6 ta' April, 1989, fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Joseph Bonnici, kienet differenti għal kollox mill-intestatura tar-rikors ta' l-appell f'dan il-każ. F'dak il-każ l-intestatura kienet "fil-Qorti Kriminali (Sede Appelli Inferjuri)"; kien hemm referenza ċara għall-Qorti ta' l-Appell hemmhekk, mentri f'dan il-każ ir-rikors ta' l-appell huwa intestat "Fil-Qorti Kriminali ta' Għawdex", ma fih assolutament l-ebda referenza għall-Qorti ta' l-Appell. Konsegwentement, dan il-każ għandu jiġi distingwit għal kollox mill-każ li għalih saret referenza, il-każ tat-3 ta' April, 1989, il-Pulizija kontra Joseph Bonnici u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax li għandha xi raġuni għaliex tilqa' dan l-appell, peress li *ai termini* tal-liġi għandha tiddikjarah bħala irritu u null peress li m'għandux ir-rekwiżiti tal-liġi fl-ispeċifikazzjoni ta' l-isem tal-Qorti, li fiha r-rikors ta' l-appell kien ippreżentat;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata.

## TMIEM TAL-VOLUM LXXIII